



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL- UNJONI
EWROPEA GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN U
L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 10.11.2011
KUMM(2011) 718 finali

2011/0318 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 131/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-
rigward tas-Sudan**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/423/PESK tat-18 ta' Lulju 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sudan u s-Sudan t'Isfel u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK u li temenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi li jirriflettu t-twaqqif tal-istat tas-Sudan t'Isfel wara r-referendum ta' indipendenza ta' Jannar 2011.

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 131/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 131/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tas-Sudan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 215(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/423/PESK tas-18 ta' Lulju 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sudan u s-Sudan t'Isfel u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Meju 2005, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK² dwar miżuri restrittivi kontra s-Sudan.
- (2) Fit-18 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/423/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sudan u s-Sudan t'Isfel u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK. Id-Deċiżjoni 2011/423/PESK temenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restittivi imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2005/411/PESK li ġiet irrevokata.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 131/2004 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 131/2004 huwa emendat kif ġej:

1. It-Titolu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 131/2004 tas-26 ta' Jannar 2004 li jimponi ċerti miżuri ristrettivi dwar is-Sudan u s-Sudan t'Isfel.

¹ ĠU L 188, 19.7.2011, p. 20.

² ĠU L 139, 2.6.2005, p. 25.

2. L-Artikolu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Għandhom jiġi pprojbiti:

(a) li tagħti, tbiġh, tipprovdi jew titrasferi assisteza teknika dwar attivitajiet militari u għall-fornitura, manifattura, manutenzjoni u l-użu ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u l-partijiet ta' sostituzzjoni għal dawk imsemmija qabel, direttament jew indirettament lil kull peruna, entità jew korp fi, jew għall-użu fi, is-Sudan jew is-Sudan t'Isfel;

(b) li tipprovdi finanzi jew assistenza finanzjarja dwar attivitajiet militari, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu fuq esporti, għal kull bejgħ, forniture, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjal relatat, jew għal kull għotja, bejgħ, forniture, jew trasferiment ta' assistenza teknika relatata, direttament jew indirettament lejn kull persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu fi, is-Sudan jew is-Sudan t'Isfel.

3. L-Artikolu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 5

L-Artikoli 2 u 3 m'għandhomx japplikaw għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket rinforzati bil-metall u elmi militari, temporanjament esportati lejn is-Sudan jew is-Sudan t'Isfel mill-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, persunal tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-medja u ħaddiema umanitarji u tal-iżvilupp u l-persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President
[...]*